MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru 151/2014

Il-Pulizija

Spettur James Grech

vs

Carmelo Ciranna

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 44398A akkuzat talli:

1. nhar it-30 t'Awissu 2011, f'xi hin wara nofsinar ikkomettejt serq ta' diversi oggetti u flus kontanti minn gewwa residenza 67, Coral, Triq it-Tursin ir-Rih, Attard, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-lok, ghad-detriment ta' Emanuela Micallef u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta'xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. matul il-jum tas-16 ta' Settembru 2011, ikkommettejt serq ta' diversi oggetti u flus kontanti minn gewwa residenza 11, Sqaq Nofsinhar Nru 1, Tarxien liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' € 2329.37 u bil-lok, ghad-detriment ta' Nazjo u Rita Rotin u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Semghet l-imputat f'din l-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni fuq liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumentu kollha;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Dwar piena ikkonsidrat li ghalkemm l-imputat ghandu fedina penali xejn sabieha, presentament hu detenut il-habs jiskonta sentenza ta' prigunerija. Hemm ukoll il-fattur li s-serq li bih hu akkuzat jirrisali ghas-sena 2011.

Rat l-Artikolu 261(b)(c), 264, 279(a), 18, 49 u 50 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggieh taht ordni ta' probation ghal tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spiegat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------